Għaliex għandi nlaqqam lit-tifel/tifla tiegħi?

It-tilqim huwa mod sikur, rapidu u effettiv biex tipproteġi lit-tifel/tifla tiegħek minn mard serju.

Għal aktar minn 50 sena, il-vaċċini għenu lit-tfal jiksbu bidu b'saħħtu fil-ħajja.

Bħalissa, it-tilqim jevita **3.5 miljun sa 5 miljun** mewta madwar id-dinja kull sena minn mard bħall-ħosba, id-difterite, it-tetnu, is-sogħla konvulżiva (pertussis), u l-influwenza.

Kif jaħdmu l-vaċċini?

It-tilqim iħarreġ lill-ġisem biex jiġġieled kontra ċerti tipi ta' mard.

- Is-sistema immunitarja tat-tifel/tifla tiegħek tirreaġixxi għall-vaċċin billi tipproduċi l-antikorpi.
- Jekk jiġu esposti għall-marda fil-futur, ġisimhom se jiftakar u jiġġilidha malajr, u b'hekk jiġu evitati kumplikazzjonijiet serji.

Il-vaċċini huma sikuri?

Iva! Il-vaċċini jgħaddu minn ittestjar rigoruż u monitoraġġ kontinwu biex jiġu żgurati s-sikurezza u l-effettività tagħhom. Jistgħu jseħħu effetti sekondarji ħfief, bħal uġigħ fis-sit tal-injezzjoni jew deni baxx, iżda normalment jisparixxu malajr.

It-tifel/tifla tiegħek, meta għandu/għandha jiġi/tiġi mlaqqam/mlaqqma?

Segwi l-iskeda ta' tilqim irrakkomandata f'pajjiżek biex tiżgura li t-tifel/tifla tiegħek ikun/tkun protett(a). Kellem lill-fornitur fil-qasam tal-kura tas-saħħa tiegħek għal aktar informazzjoni.

Iddumx aktar—ikkuntattja lill-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek biex tiddiskuti t-tilqim tat-tifel/tifla tiegħek illum!

PORTAL EWROPEW TA' INFORMAZZJONI DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea

Skennja l-kodiċi QR biex issir taf aktar fil-Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim

vaccination-info.europa.eu/mt